

MISTOQSIJA ORALI H-0417/09

għal waqt il-Ħin għall-Mistoqsijiet fis-seduta parzjali fi Novembru 2009
skond ir-Regola 116 tar-Regoli ta' Proċedura
minn Zoran Thaler
lill-Kummissjoni

Suġġett: Daqshekk nistennew li jsir xi ftehim ta' Kopenĥagen dwar il-bidla fil-klima?

Il-ġimgħa l-oħra kienet ta' diżappunt kbir għall-ġlieda kontra l-bidla fil-klima. Milli jidher it-taħdidiet dwar il-bidla fil-klima ntemmu qabel ma biss bdew. Il-fatti tassew li jtkellmu waħedhom – il-progress li sar fl-iffissar ta' miri għal-livell tal-emissjonijiet u l-finanzjamenti li jkunu jippermettu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw li jillimitaw l-emissjonijiet tagħhom huwa ftit jew kważi xejn.

Iva, huwa t-tort tal-aktar nazzjonijiet sinjuri u tan-nuqqas ta' kuraġġ tal-mexxejja politiċi tagħhom. Nistenna li fis-samit globali ta' Kopenĥagen il-mexxejja politiċi jżommu l-wegħda tagħhom u jiffirmaw ftehim li jkun legalment vinkolanti. Huwa minnu li ċ-Ċina u l-Indja qed jevitaw din id-diskussjoni u li l-Istati Uniti qegħda żżomm lura. Huwa minnu wkoll li dak li bdew il-ministri tal-ambjent tal-UE, il-ministri tal-finanzi ma temmewhx. L-Ewropa trid tiegħu f'idejha t-tmun f'dan il-proċess.

Il-Kummissjoni kif bi ħsiebha tiżgura li l-laqqgħa ta' Kopenĥagen tkun suċċess u mhux xi fjask?

Imressqa: 10.11.2009
sl